MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2013

Rikors Numru. 35/2013

**A V**

**-vs-**

**C V**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fil-21 ta’ Frar 1970 (Dok A) u minn dan iz-zwieg huma kellhom erbat itfal, illum ilkoll maggorenni;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b’sentenza ta’ dina l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta datata 24 ta’ Gunju 2010 (Dok B) pero ilhom de facto separati u jghixu f’residenzi separati mis-sena 2000;

Illi l-esponenti jissottometti illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi lanqas m'hemm l-ebda manteniment dovut la lejn l-intimata u lanqas versu t-tfal stante li llum huma maggorenni u kollha ghandhom 'il fuq minn tlieta u ghoxrin sena;

Illi ghalhekk dawn il-fatti jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet biex dan jigi registrat kull fejn hu opportun fl-istess Registru.

Rat ir-risposta li giet ikkonfermata bil-gurament mill-intimata, li in forza taghha hija ippremettiet :

Illi hija ma topponix ghat-talba tar-rikorrenti stante li :

- Ghalkemm il-partijiet isseparaw legalment fl-24 ta' Gunju 2010 permezz tas-sentenza imsemmija fir-rikors promotur, huma kienu ilhom separati de facto ghal iktar minn ghaxar snin;
- Ma hemm ebda tama li hi tirrikoncilja mar-rikorrent;
- L-erbat (4) tfal li huma kellhom miz-zwieg ilkoll illum ghandhom 'il fuq minn tlieta u ghoxrin (23) sena u ma hemm ebda arretrati ta' manteniment dovut lill-esponenti fir-rigward tal-istess tfal;
- Inkwantu ghal manteniment tal-esponenti, kif hemm imsemmi fis-sentenza fuq riferta, id-dritt tal-esponenti li titlob il-manteninent baqa impregudikat pero bhalissa r-rikorrent ma ghandu jaghti ebda manteniment lill-esponenti;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tat-30 ta’ Jannar, 2013;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mill-24 ta’ Gunju 2010 u ilhom de facto separati mis-sena 2000;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------